MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Numru. 762/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**CARMELO VELLA, iben Alfred u Teresa nee' Mizzi, imwieled Tal-Pieta' nhar it-13 ta' Gunju, 1964, residenti fil-fond Flat 9, St Paul's Court, Triq il-Qroll, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita' numru 319064M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Carmelo Vella** li gie akkuzat talli:

A. Nhar l-24 ta' Lulju, 2010, ghall-habta tal-5.30 ta' filghaxija, filwaqt illi kien fil-fond numru 3, Sur San Pawl,

gewwa Bormla, ikkawza girehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Peter Muscat minn Bormla, hekk kif iccertifikat minn Dr K Causon MD, it-Tabib tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

B. U aktar talli nhar l-24 ta' Lulju, 2010, ghall-habta tal-5.30 ta' filghaxija, filwaqt illi kien fl-inhawi tas-Sur San Pawl, gewwa Bormla, xjentement hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura tal-ghamla Peugeot mudell 407 u bin-numru tar-registrazzjoni HBA039, liema hsara tammonta ghal €230 ghad-dannu ta' Glenn Borg minn Bormla u persuni ohra;

C. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal fil-pubbliku kliem oxen, indecenti u dagha;

D. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, filwaqt illi kien fil-font numru 3, Sur San Pawl, gewwa Bormla, qabad arma kontra terzi, cioe' sikkina fil-konfront ta' Peter Muscat minn Bormla;

E. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, hebb ghal Peter Muscat sabiex jingurjah, idejqu u jaghmillu hsara;

F. U aktar talli nhar l-24 ta' Lulju, 2010, u nhar id-9 ta' Mejju, 2010, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku;

G. U aktar talli nhar id-9 ta' Mejju, 2010, ghall-habta tal-5.15 ta' filghaxija, filwaqt illi kien fi Triq il-Kottonera gewwa l-Birgu, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alfred Gialanze' minn Rahal Gdid f'periklu car, ikkagunalu feriti ta' natura gravi fid-dentatura skont ma ccertifikat mnn Dr Stephen Borg Ch.D bhala dentista kif ukoll minn Dr Malcolm Pal Galea MD, it-Tabib tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita ggiblu debbulizza permanenti fil-funzjoni ta' xi parti mill-gisem;

H. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' d-dentatura ta' Alfred Gialanze', liema

hsara tammonta ghal €260 ghad-dannu ta’ Alfred Gialanze’ minn Rahal Gdid;

I. U aktar talli nhar id-9 ta’ Mejju, 2010, ghall-habta ta’ 5.15 ta’ filghaxija, filwaqt illi kien fi Triq Kottonera, gewwa l-Birgu, qal fil-pubbliku kliem oxen, indecenti, u dagha;

J. U aktar talli nhar id-9 ta’ Mejju, 2010 ghall-habta tal-5.15 ta’ filghaxija, u l-24 ta’ Lulju, 2010, ghall-habta tal-5.30 ta’ filghaxija, filwaqt illi kien fl-inhawi tal-Birgu u ta’ Bormla rispettivament, naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet li gew imposti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr Anthony Vella LL.D., fid-digriet li gie moghti nhar il-25 ta’ Jannar, 2009, u li bih inghata l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att Nru 16 tal-2006
Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somma ta’ €3,165 bhala depozitu u s-somma ta’ €1,500, liema somma kienet bhala garanzija personali, fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr Anthony Vella fid-digriet li gie moghti nhar il-25 ta’ Jannar, 2009, u hekk kif riformati fid-digriet tat-30 ta’ Jannar, 2009, tigi mghoddija lill-Gvern ta’ Malta, u dan kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 16(1) tal-Att Nru 16/2006.

K. U aktar talli nhar id-9 ta’ Mejju, 2010, ghall-habta tal-5.15 ta’ filghaxija, u l-24 ta’ Lulju, 2010, ghall-habta tal-5.30 ta’ filghaxija, filwaqt illi kien fl-inhawi tal-Birgu u Bormla rispettivament, naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet li gew imposti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D., fid-digriet li gie moghti nhar is-26 ta’ Ottubru, 2009, u li bih inghata l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 16 tal-Att Nru 16 tal-2006;
Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somma ta’ €500 bhala depozitu u s-somma ta’ €5,000 liema somma kienet garanzija personali fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D fid-digriet li gie moghti nhar is-26 ta’ Ottubru, 2009, tigi

mghoddija lill-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16(1) tal-Att Nru 16 tal-2006;

L. U aktar talli nhar id-9 ta' Mejju, 2010 ghall-habta tal-5.15 ta' filghaxija, u l-24 ta' Lulju, 2010 ghall-habta tal-5.30 ta' filghaxija, fil-waqt illi kien fl-inhawi tal-Birgu u ta' Bormla rispettivament, naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet li gew imposti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D., fid-digriet li gie moghti nhar l-20 ta' Jannar, 2010 u li bih inghata l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att Nru 16 tal-2006;
Il-Qorti hi mitluba wkoll sabiex is-somma ta' €5,000 bhala depozitu u s-somma ta' €20,000 liema somma kienet bhala garanzija personali, fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D., fid-digriet moghti nhar l-20 ta' Jannar, 2010, tigi mghoddija lill-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16(1) tal-Att Nru 16 tal-2006;

M. U akta talli nhar id-9 ta' Mejju, 2010 ghall-habta tal-5.15 ta' filghaxija, u l-24 ta' Lulju, 2010, ghall-habta tal-5.30 ta' filghaxija, filwaqt illi kien fl-inhawi tal-Birgu u ta' Bormla rispettivament, naqas milli jhares wahda mill-kundizzjonijiet li gew imposti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D., fid-digriet li gie moghti nhar il-11 ta' Marzu, 2010, u li bih inghata l-helsien mill-arrest u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att Nru 16 tal-2006.
Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somma ta' €10,000 liema somma kienet bhala garanzija personali, fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D., fid-digriet li gie moghti nhar il-11 ta' Marzu, 2010 tigi mghoddija lill-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att Nru 16 tal-2006;
Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' Carmelo Vella u

dan kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16(3) tal-Att Nru 16 tal-2006;

N. U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi;
Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
Il-Qorti hija mitluba wkoll li tordna ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Peter Muscat u Alfred Gialanze' ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhirilha xierqa.
Il-Qorti hija mitluba li barra li taghti l-pierna stabbilita fil-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat li l-imputat, moqrija l-istess akkuzi, kien wiegeb illi hu ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':
a. Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 338(dd), 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Xehed l-Ispettur Jesmond Borg fuq zewg incidenti nvolventi l-imputat koncernanti lil certu Peter Muscat u Alfred Gialanze'. Ezebixxa wkoll diversi dokumenti fosthom dawk medici fil-konfront tal-persuni allegatament feruti, anke sikkina bhala Dok JB1 li gew mghoddija lill-pulizija minn Muscat, diversi kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja, kif ukoll l-istqarrija rilaxxata mill-imputat bhala Dok JB6.

Fl-istess stqarrija l-imputat innega l-incident koncernanti Muscat. Anzi kien insistenti li hu qatt ma nizel lejn Bormla, pero kien baghtlu messagg mal-partner tieghu Anne Muscat li ried ic-curkett tad-deheb lura. B'hekk la baqa' insistenti li hu qatt ma kien nizel ghand Muscat, innega wkoll illi f'daru kien anke hebb ghalih. Innega wkoll illi hu kkaguna hsarat fuq il-vettura HBA039. Spjega li kien dan Muscat, dwar l-incident li allegatament kellu ma' Gialanze', qal li dan halla l-Peugeot tieghu f'nofs ta' triq, u hu l-imputat, beda jghidlu biex isuq. Qal ukoll illi dan, cioe' Gialanze', kien f'sakra ma jarax art. Qal illi hareg mill-karozza jidghi. Innega li hu kien qabad jaghti lil dan Gialanze'.
Dwar diversi ksur ta' 'l hekk imsejjah "plegg", qal fil-maggoranza li ma kinx jiftakar.

Minn naha tieghu Peter Muscat xehed illi hu fid-data tal-incident kien qieghed jistrieh f'daru. Jghid illi siehbu Reno qallu li kien hemm tnejn qed jghajtulu. Ra lil certu Rennie u Anne li talbuh 300 li skondtu qalulu li kellu jaghti lil Charlie. Qal illi hu rega' pogga bil-qieghda biex jiehu t-te' u f'daqqa wahda dahla fuqu dan Charlie, li ddeskriva li fetah sidru. Qallu "Poggi bil-qieghda ha nitkellmu." Qal illi mar mieghu u mbuttah, u li kien Duminku li kien laqghu. Xehed illi tefghu mal-art, anke qabdu mill-flokk u qattaghhulu. Qal illi hu lil dan Charlie tah daqqa ta' sieq, tant illi tefghu mal-hgieg. Qal ukoll illi hawn dan Charlie kien anke qabad sikkina ghalih. Qal illi hawn lil dan Charlie beda jzommu Rennie. Kien hawn illi x-xhud irnexxielu jahrab 'il barra. Anke harget tigri skondtu mara li maghha kellha tifel. Qal ix-xhud illi hu hareg barra jdur

wara karozza, u l-imputat hareg bis-sikkina ghal warajh. Gharaf ix-xhud is-sikkina tieghu gia' ezebita bhala Dok JB.

Dwar il-griehi li sofra f'dan l-incident, xehed illi anke mar ghand tabib. Per parentesi l-griehi minnu skontrati kienu dawk ta' natura hafifa, Dok JB2 folio 34.

In kontro ezami qal illi ghandu l-imputat dahal bir-rabja fil-kcina. Ghalih il-bieb kien miftuh ghax kienet ghaddejja b'binha certu Tania. Qal illi kien hemm anke Duminku. Spjega li s-sikkina l-imputat qabadha minn fuq il-mejda.

Xehed illi hu kien ilu ma jkellem lill-imputat ghal madwar sena u nofs. Qal illi kien anke dam sena jorqod ghandu u kien telaq meta qabad ma' mara. Xehed illi ma baqghux hbieb. Qal illi l-laqam tieghu kien 'Nemusa', u li l-familja tieghu gieli kellhom xi kwistjonijiet.

Xehed ukoll Francis Borg. Spjega illi fid-data tal-incident hu kien gewwa Bormla fir-residenza ta' Peter Muscat. Xehed illi quddiem id-dar ta' dan kien hemm il-karozza tieghu ipparkjata. Qal illi circa 5.30pm hareg biex jirranga l-stereo ta' gol-karozza. Qal illi f'hin minnhom hareg certu Charlie (li sar jaf x'jismu wara), cioe' l-imputat, ra anke lil Peter hiereg mir-residenza tieghu. Rah hiereg jigri. Rah imur hdejn il-karozza tax-xhud. Ra lil Muscat u lil Charlie (allura l-imputat) jargumentaw hdejn il-karozza. Qal illi Peter beda jigi mghajjar minn Charlie b'affarijiet tal-familja tieghu. Iddeskriva l-agir ta' Charlie bhala wiehed aggressiv.

Ezebixxa wkoll ritratti tad-danni sofferti fuq il-vettura tieghu (folio 67 et seq). Qal illi l-imputat ta daqqa ta' ponn fuq il-karozza tieghu. L-istima tal-hsara kienet skondtu tammonta ghal €244 (Dok GB1). Spjega wkoll illi din il-hsara l-imputat ghamilhieluk b'idejh u ghax kellu brazzuletta u crieket.

Spjega wkoll illi ghalkemm nel frattemp kien partat l-istess vettura, issa regghet kienet fil-pussess tieghu. Qal ukoll illi d-daqqiet ta' ponn kienu fuq il-bagoll.

Domenic Cuschieri wkoll xehed dwar l-incident involventi lil Muscat. Qal dan illi hu kine ghand dan Muscat, u Charlie qabad u dahal ghand dan Muscat. Anke dan ix-xhud spjega li Muscat kellu l-bieb ta' barra miftuh. Xehed illi dawn qabdu jaghtu u li Charlie talab xi flus lil Muscat. Fl-ebda hin ma ra xi oggetti f'idejn wiehed minnhom. Spjega li fid-dar fil-kcina kine hemm anke certu Rennie. Qal ukoll illi Peter hareg jigri barra, u Charlie hareg warajh, jghajjat. Xehed ukoll illi lill-imputat rah jaqbez fuq karozza.

Minn naha tieghu PS 1328 Jesmond Borg, apparti ghar-rapport li rcieva minghand Peter Muscat dwar incident li kellu ma' Charlie tal-Hamrun, fuq sehem ta' gizirana; mar fuq il-post u xehed illi hemm ra sikkina li skont Muscat uza Charlie biex jigri warajh.

Xehed ukoll illi certu Glen irrapporta hsarat ikkagunati fuq Peugeot.

Qal ukoll illi certu Gialanze' ghamel rapport dwar il-fatt illi kien ghaddej fit-triq minn Haz-Zabbar, u li kien hemm xi hadd idoqqlu l-horn u jkellmu hazin. Gharaf lil dan bhala Charlie. Irrapporta wkoll illi dan kien aggredieh, waqqaghlu d-dentatura u ghamillu xi hsarat.

Minn naha tieghu Reno Gatt xehed illi hu ghall-habta tal-4.00pm kien jitla' jaghlef il-kliem ta' Peter go Bormla. Ghandu sab mara certu Anne, u t-tifel ta' ohtu certu Rennie.  Qal illi sab lil dawn jitkellmu ma' Peter madwar il-mejda fuq xi gizirana. Mar jaghlef il-klieb u wara ghaxar minuti xehed illi sema' ghajjat, ghalhekk hareg barra biex jittawwal. Hemm ra lil Anne, Rennie, u lil Charlie li kienu qeghdin jghajru u jiggieldu, u Muscat kien wara karozza. Kienu skondtu qed jargumentaw ma' Peter. Ippreciza li fil-fatt kien Charlie li kellu xi jghid ma' Peter, waqt illi dan Peter beda jdur wara l-karozza. Skondtu hadd ma ta bil-ponn lill-karozza.

Nazzareno Lia xehed illi hu u Anne kienu marru ghand Peter. Spjega li din Anne kienet tohrog ma' dan Charlie, il-kugin tieghu mill-boghod. Xehed illi kull ma kien jaf kien li

certu kugin iehor Anthony, talbu biex imurlu ghal gizirana, ghalhekk mar ghaliha ghand Peter. Hawn sar jaf li Peter kien biegh il-gizirana, ghalhekk xehed illi hu, Anne u certu Reno Gatt telqu ‘l barra. Ma jafx x’gara wara dan, ma ra u ma sema’ xejn. Spjega li r-relazzjoni tieghu mal-imputat kienet ta’ hbiberija.

Antonia Mifsud xehdet ukoll illi ma’ binha ta’ hames snin kienet ghand Peter Muscat tiehu te’ u hemm dahal Charlie, u nqala’ disgwid bejnu u Muscat. Harget ‘il barra minhabba t-tifel. Qalet illi l-glieda bejniethom kompliet barra, u anke li bdew iduru madwar karozza, qalet ukoll illi ma rat xejn f’idejn hadd.

In kontro ezami Cuschieri xehed illi Peter Muscat kien habib tieghu, pero skondtu mhux hbieb hafna, anzi kkorega li hu anke kellu xi jghid mal-istess Muscat, li kienu ggieldu minhabba Charlie, dan ghaliex Muscat qallu biex jixhed mod iehor. Insista x-xhud illi hu lil Muscat kien qallu li kien ser jixhed dak li ra.
Qal illi l-verita’ kienet dik li kien gia’ xehed, pero ukoll illi ma kinx qed jigi mhedded.
Dan ix-xhud qal illi Muscat qal li riedu jixhed li ra sikkina f’idejn Charlie, dan ghax skondtu Muscat ried ipattiha lil Charlie.
Qal ukol issa, in ri-ezami, illi fuq il-karozza ra lil Peter jaqbez, anke rah jaghti fuqha. Anke xehed illi sema’ lil Peter jidghi. Zied illi fil-fatt Charlie kull ma kien ghamel kien li talab lil Muscat il-flus lura li kien sellfu. Anke qal illi kien Peter li mbotta l-ewwel lil Charlie. Ikkonferma anke li Charlie kien halla brazzuletta ghand Muscat bhala rahan, u riehda lura.

Fil-konfront tal-griehi sofferti, apparti li gew ezebiti c-ceritifikati medici, xehed it-Tabib Dr Karl Causon, qal illi Peter Muscat sofra griehi ta’ natura hafifa.

Xehed ukoll Alfred Gialanze’ dwar incident fejn kien ghaddej bil-karozza, waqaf mieghu Charlie u beda joffendieh. Qal illi rega’ startja u telaq. Kif wasal Borma, dan rega’ attakkah u rega’ beda joffendieh. Fetahlu l-bieba tal-karozza, tant illi qaccatlu l-bieba, waqqaghlu

snienu barra, dan ghax habbtu mal-bieba tal-karozza, u ghalhekk waqqaghlu snienu foloz minn halqu. Sab is-snien miksurin. Qal illi hu lil Charlie qatt ma kien ghamillu xejn, kien biss isellimlu meta jarah. Zied illi l-ewwel attack gara Haz-Zabbar, ghax hemm waqfu l-ewwel, u rega' attakkah Bormla.
Dwar hsara fid-dentatura, qal illi din ammontat gahl circa €200.
Ic-certifikat mediku ezebit fil-konfront tal-griehi sofferti minn Gialanze', juru li tali kienu slight (folio 33).

Gew ezebiti wkoll id-digrieti tal-liberta' provizorja fil-konfront tal-imputat, Dok JB5 folio 31 datat 20.01.2006; Dok JB moghti fil-11.03.2010; Dok JB1 datat 20.10.2009; Dok MM datat 25.01.2009. Xehed l-Ispettur James Grech biex jikkonferma l-identita' tal-imputat fil-konfront ta' Dok JB. L-Ispettur Michael Mallia minn naha tieghu kkonferma l-identita' tal-imputat fil-konfront tad-digriet ezebit bhala Dok MM. Ghalhekk l-akkuzi jekk pruvati okkorrew wara dawn iz-zewg digrieti, cioe' wara il-11.03.2010 Dok JB, u l-25.01.2009 Dok MM.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta, jirrizulta li kien Charlie l-imputat li dahal fid-dar ta' Muscat, u hemm bejniethom inqalghet kwistjoni. Ix-xhieda (ghajr ghal Cuschieri li biddel ghal kollox il-verzjoni tieghu) qalu li fil-fatt kien l-imputat li aggredixxa lil Muscat, tant illi dan hareg bil-giri barra minn daru u beda jdur ma' vettura biex jahrab minn Charlie. Xehida ohra okulari, bhal Francis Borg, jattribwixxu b'mod car id-danni sofferti fuq il-vettura lill-imputat. Minn naha tieghu Reno Gatt li ra l-incident qal illi hu ma ra lil hadd jaghti bil-ponn fuq il-vettura. Addirittura Cuschieri fit-tieni verzjoni tieghu jattribwixxi bhala l-agent ta' dawn id-danni lil Muscat. Muscat biss xehed illi Charlie qabad sikkina ghalih; xhieda ohra okulari bhala Antonia Mifsud qalet illi ma rat xejn f'idejn hadd, Cuschieri fit-tieni verzjoni jghid illi Muscat riedu jixhed dwar l-attakk bis-sikkina. Meta ttella' jixhed l-ewwel darba Cuschieri, kine gia' qal illi hu f'ebda hin ma ra xi oggetti f'idejn wiehed jew l-iehor.

In vista’ ta’ dan, il-Qorti fil-konfront tal-akkuzi koncernanti l-incident ma’ Peter Muscat, qieghda ssib htija fil-konfront tal-akkuza a, b, c, e, u f, u dan wara li rat l-Artikoli 221, 325, 338, u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issibu hati wkoll fil-konfront tal-akkuzi fil-konfront ta’ Alfred Gialanze’, u dan fuq ix-xhieda tal-istess ferut u ghax kif ghamel fil-konfront tal-akkuzi precedenti, l-imputat spicca fl-istqarrija tieghu gideb fuq iz-zewg okkazjonijiet, u dan ukoll wara li rat l-Artikoli 221 fil-konfront tal-akkuza G; l-Artikolu 325 fil-konfront tal-akkuza H, l-Artikolu 338 fil-konfront tal-akkuza I – ilkoll l-Artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-konfront tal-akkuzi koncernanti l-ksur tad-digrieti tal-liberta’ provizorja, rat illi gew prodotti kif premess zewg xhieda ta’ identita’ fil-konfront tad-digrieti Dok JB u Dok MM. Rat illi l-istess digrieti kif ukoll gie ppuntwalizzat jipprecedu d-data tal-akkuzi – 24 ta’ Lulju, 2010, u 9 ta’ Mejju, 2010. Rat illi fiz-zewg cirkostanzi, l-imputat kiser it-tielet kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ta’ natura volontarja. Rat ukoll illi l-istess Spettur Jesmond Borg ezebixxa d-dokument JB5, li huwa digriet tal-liberta’ provizorja datat 20.01.2010, u ta’ din il-kawza hu kien il-Prosekutur, allura anke hawn gie identifikat l-imputat.
**<u>Pero</u>** ebda prova ma tressqet fil-konfront tad-digriet li mpona li l-imputat ma jersaqx lejn il-Kottonera, cioe’ tad-digriet Dok JB1 folio 93.

Rat ukoll l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tal-ksur tal-liberta’ provizorja, cioe’ l-akkuzi J, K, L, u M u jirrizulta li l-unika akkuza pruvata hija fil-konfront tad-digriet moghti mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi, Dok JB5, pero tinnota wkoll li din l-akkuza gia’ giet deciza f’sentenza ta’ din il-Qorti stess datata 11.12.2012, ghalhekk liberat anke mill-istess.
Tilliberah mill-kumplament ta’ dawn l-akkuzi, ghax mhux pruvati, in kwantu ghall-prova ta’ identita’ li ngabet.

Dwar il-piena, rat l-Artikoli kollha msemmija, u cioe’:
a. Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Fl-Artikoli 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikoli 338(dd), 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat, ghal kollox refrattarja. Tqis illi l-piena idonea hija dik ta’ habs effettiv;
Tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------